

Brussell, 29 ta' Settembru 2025
(OR. en)

13344/25
ADD 1

FISC 253
ECOFIN 1261
ONU 55

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	29 ta' Settembru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Suġġett:	ANNESS tar- Rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza n-negozjati fin-Nazzjonijiet Uniti għal ftehim dwar it-tieni Protokoll Bikri tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kooperazzjoni Internazzjonali fil-Qasam tat-Taxxa u dwar kwalunkwe dispożizzjoni tal-Konvenzjoni Qafas relatata ma' dak il-Protokoll jew li taffettwaha
----------	--

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2025) 584 annex.

Mehmuż: COM(2025) 584 annex



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 29.9.2025
COM(2025) 584 final

ANNEX

ANNESS

tar-

Rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill

li tawtorizza n-negozjati fin-Nazzjonijiet Uniti għal ftehim dwar it-tieni Protokoll Bikri tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kooperazzjoni Internazzjonali fil-Qasam tat-Taxxa u dwar kwalunkwe dispożizzjoni tal-Konvenzjoni Qafas relatata ma' dak il-Protokoll jew li taffettwaw

ANNESS

Flimkien mal-Istati Membri, l-Unjoni għandha tipparteċipa fin-negozjati għal Konvenzjoni Qafas u ż-żewġ Protokolli Bikrija tagħha dwar il-Kooperazzjoni Internazzjonali fil-Qasam tat-Taxxa fin-Nazzjonijiet Uniti biex tiżgura li d-dispożizzjonijiet maqbula ma jmorru kontra l-liġi tal-UE. Fl-istennija ta' żviluppi ulterjuri, dawn id-direttivi ta' negozjati inizzjali jiddeskrivu l-kundizzjonijiet maħsuba għan-negozjati tat-tieni Protokoll Bikri dwar il-prevenzjoni u r-risoluzzjoni tat-tilwim dwar it-taxxa, jew materji li jkunu qed jiġu nnegozjati fil-kuntest tal-Konvenzjoni Qafas relatata mat-tieni Protokoll Bikri jew li taffettwaw, b'mod partikolari:

- (1) Il-proċess tan-negozjati jkun miftuħ, inklużiv u trasparenti, u bbażat fuq kooperazzjoni *in bona fide*.
- (2) Il-proċess tan-negozjati jippermetti l-parteċipazzjoni b'mod sinifikattiv tal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, inkluż is-soċjetà ċivili, is-settur privat, l-akkademja u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi.
- (3) Il-kontributi kollha li jaslu mingħand is-Sħubija kollha tan-Nazzjonijiet Uniti jitqiesu b'mod uguali ħalli jkun żgurat proċess inklużiv.
- (4) Il-proċess tan-negozjati hu bbażat fuq programm ta' ħidma effettiv u realistiku għall-elaborazzjoni simultanja tal-Konvenzjoni Qafas u l-Protokolli Bikrija tagħha.

Fin-negozjati, l-Unjoni għandha timmira li tilħaq l-oġettivi ġenerali li ġejjin:

- (5) It-tieni Protokoll Bikri dwar il-Prevenzjoni u r-Risoluzzjoni tat-Tilwim dwar it-Taxxa jikkontribwixxi għall-istabbiltà, iċ-ċertezza u l-koerenza tal-arkitettura internazzjonali tat-taxxa.
- (6) Tul ħidmitu, il-kumitat intergovernattiv tan-negozjati għandu jqis il-ħidma ta' fora rilevanti oħra, is-sinerġiji potenzjali, u l-għodod, il-preġġi, l-għarfien espert u l-komplementarjetajiet eżistenti disponibbli tal-bosta istituzzjonijiet involuti f'kooperazzjoni internazzjonali, reġjonali u lokali fil-qasam tat-taxxa. Il-frammentazzjoni fl-istandards internazzjonali jew id-duplikazzjoni bla bżonn għandhom jiġu evitati.
- (7) It-tieni Protokoll Bikri għandu jkun kompatibbli mal-impenji tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri tagħha fir-rigward ta' ftehimiet internazzjonali oħra li għalihom huma parti, u għandu jiġi evitat kull impatt negattiv fuq l-applikazzjoni effettiva ta' dawk il-ftehimiet internazzjonali.
- (8) Id-dispożizzjonijiet tat-tieni Protokoll Bikri għandhom ikunu allinjati għalkollox mal-qafas legali internazzjonali dwar il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem. L-Istati Membri tal-UE għandhom ikunu jistgħu jikkonformaw mal-liġi tal-UE, inkluż id-drittijiet fundamentali, il-libertajiet u l-prinċipji ġenerali tal-liġi tal-UE kif minquxa fit-Trattati tal-Unjoni Ewropea u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.
- (9) It-tieni Protokoll Bikri għandu jinkludi klawżola jew klawżoli biex l-Istati Membri tal-UE, fir-relazzjonijiet reċiproċi tagħhom, ikunu jistgħu jibqgħu japplikaw il-liġi tal-UE fil-materji koperti mill-kamp ta' applikazzjoni tat-tieni Protokoll Bikri, u biex il-kontribwenti jkunu jistgħu jagħżlu l-istrument li jidhrilhom li jkun xieraq biex tissolva xi tilwima. Jekk ikun hemm mekkaniżmu għar-risoluzzjoni tat-tilwim skont il-Konvenzjoni, dan għandu jissalvagwardja l-kompetenza esklużiva tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea li tinterpreta l-liġi tal-Unjoni.
- (10) In-negozjati tat-tieni Protokoll Bikri għandhom iwasslu għal riżultat finali li jkun jista' jiġi appoġġat mill-aktar firxa wiesgħa possibbli ta' partijiet.